**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 114/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MC**

**Vs**

**L-Avukat Dr. Joseph Brincat u l-PL Jeremy Buttigieg, b'digriet tas-6 ta' Gunju 2019, gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti MM.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MC, datat 2 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu civilment fil-23 ta' Ottubru 1998 gewwa Malta kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li gie rregistrat fir-Registru Pubbliku permess ta' Att taz-zwieg numru elf tmien mija tlieta u tletin tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin (1833/1998) u li minn tali zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.*

*Illi l-imsemmi MM kien izzewweg lill-esponenti biss biex jakkwista c-cittadinanza Maltija. Fil-fatt kien ghex maghha biss xi gimghat u mbaghad abbandunaha;*
*Illi minn dak inhar l'hawn l-esponenti assolutament ma kellha l-ebda kuntatt ma l-imsemmi MM u l-ahhar li kienet semghet bih kien snin twal ilu meta kien telaq minn Malta. Sa fejn taf l-esponenti l-imsemmi MM qatt ma gie lura Malta;*

*Illi kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;*

*Illi l-kunsens tal-konvenut kien bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg skont l-Artikolu 19(1)(f);*

*Illi l-konvenut rabat il-kunsens tieghu ma kondizzjoni li tirreferi ghal futuri skont l-Artikolu 19(1)(g) ghaliex l-intenzjoni tieghu waqt l-att taz-zwieg kien li bis-sahha ta' dan iz-zwieg hu kien se jakkwista ic-cittadinanza Maltija;*

*Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-attrici mal-konvenut huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrent hasset il-htiega li kellha ssir din il-kawza sabiex iz-zwieg jigi ddikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi;-*

1) *Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata nhar il-23 ta' Ottubru 1998 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; u*

2) *Tordna li dina n-nullita tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunta in subizzjoni;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta datata 2 ta' Lulju 2019, a fol 29, tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Joseph Brincat u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg li b'digriet tas-6 ta' Gunju 2019 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti MM, li taqra hekk:

1. *"Li huma mhumiex edotti mill-fatti u m'ghandhomx mezz biex jikkomunikaw mal-konvenut MM u n-numru tal-passaport tieghu lanqas huwa ndikat huwiex Malti jew barrani. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-kuraturi huma verament limitati.*

2. *Illi l-attrici trid tipprova li z-zmien li ghamel maghha kien qasir u ghalhekk jeskludi l-intenzjoni twila taz-zwieg.*

*Dikjarazzjoni tal-Kuraturi Deputati.*

1. *Jinghad bil-qima li huma mhumiex edotti mill-fatti u naturalment lanqas ghandhom kuntatt mal-persuna indikata bhala konvenut.*

2. *Illi l-attrici trid tipprova li l-konvivenza bejniethom kienet qasira ghaliex necessarjament filkas li jigi ppruvat dan l-element ma kienx hemm intenzjoni serja taz-zwieg"*

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Joseph Brincat nomine tal-25 ta' Gunju 2020 permezz ta' liema informa lil Qorti illi l-Kuraturi Deputati ma kellhom l-ebda mod kif jikkomunikaw mal-intimat u illi konsegwentement m'hemmx provi x'jitressqu minn naha taghhom.

Ezaminat it-testimonjanza bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti MC** xehdet permezz t'affidavit a fol 33 illi hija kienet iltaqghat mal-intimat cirka sittax -il sena ilu u kien staqsiha sabiex jizzewgu ftit tax-xhur wara li saret tafu. Spjegat li dak iz-zmien hija ma kienetx hasbitha darbtejn biex tizzewweg lill-intimat u kienu zzewwgu fit-23 ta' Ottubru 1998 fir-Registru Civili. Kompliet illi hija ma kienet qalet lil hadd dwar dan iz-zwieg, lanqas lil membri tal-familja taghha, ghaliex ma kienetx taf kif kienu ser johduha.

Xehdet illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet qatt ma gie kkunsmat u illi l-intimat kien abbandunaha hesrem ftit wara li zzewgu. Qalet illi hija ma kienetx taf ghalfejn l-intimat kien telaq, u ghalkemm

kienet irnexxilha taghmel kuntatt mieghu darba, ma kienetx regghat semghat minghandu, ma sabitux u lanqas qatt ma regghat ratu minn dak iz-zmien.

**JC** xehed permezz ta' affidavit a fol 34 illi huwa jigi hu r-rikorrenti. Spjega illi minkejja li hu u r-rikorrenti ghandhom relazzjoni tajba hafna, hija ma kienetx qaltlu li kienet iltaqghat ma' u izzewget lill-intimat, u lanqas ma qalet lil xi hadd mill-familja taghhom dwar dan iz-zwieg. Xehed illi huwa sar jaf biz-zwieg tal-partijiet meta ohtu kienet marret tiftah qalbha mieghu ghaliex l-intimat kien sparixxa u riedet l-ghajnuna tal-familja taghha. Qal illi l-intimat issa ilu xi sittax -il sena ma jkollu kuntatt mar-rikorrenti.

**DD** xehed permezz ta' affidavit a fol 35 illi hija ilha taf lir-rikorrenti ghal dawn l-ahhar sbatax -il sena. Spjegat illi ghall-ewwel il-partijiet kienu biss hbieb izda erbatax -il sena ilu kienu bdew relazzjoni flimkien. Qalet illi ghal bidu hija ma kienetx taf illi r-rikorrenti kienet mizzewga u lanqas illi l-intimat kien abbandunaha izda eventwalment r-rikorrenti kienet fethet qalbha maghha. Qalet illi r-rikorrenti kienet pruvat taghmel kuntatt mal-intimat izda dan kien ghal xejn u illi f'dawn is-snin kollha qatt ma rat jew semghat bl-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza t'annullament a bazi tal-artikolu 19 (1) (f) u/jew (g) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, wara talba f'dan is-sens maghmula mir-rikorrenti. L-ebda provi ma gew prodotti mill-intimat peress illi il-kuraturi deputati ma rrnexxilhomx jintraccawh u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw mieghu u jressqu xi provi. Il-Qorti taghraf pero illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***"Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-***

> ***sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***"

Dan ghaliex, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> "***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."***

Il-Qorti sejra ghalhekk tiddetermina jekk il-kawzali ta' nullita moghtija mar-rikorrenti gewx sodisfacement pruvati minnha.

L-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi z-zwieg ikun null:

> "***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED,** citata aktar il-fuq,:[1]

> "***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai***

[1] Rikors Guramentat nru.: 219/16.

> ***termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri."***

Jirrizulta mill-affidavit mhux kontestat tar-rikorrenti illi l-partijiet kienu zzewgu ftit xhur wara li kienu ltaqghu ghall-ewwel darba, u jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti ma kienet qalet lil hadd b'dan iz-zwieg hlief wara illi kienet giet abbandunata mill-intimat. Mill-affidavit tar-rikorrenti jirrizulta wkoll illi l-partijiet kienu ilhom mizzewgin ghal gimghatejn biss qabel ma l-intimat abbanduna hesrem lir-rikorrenti martu, u li, sa dak iz-zmien, il-partijiet kienu ghadhom lanqas biss ikkunsmaw iz-zwieg taghhom. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti ilha ma jkollha kuntatt mal-intimat ghal dawn l-ahhar hmistax -il sena, tant illi lanqas biss taf jekk ghadux Malta peress illi meta kienu ltaqghu l-intimat kellu cittadinanza Egizzjana.

Illi l-atikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> ***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja***

***mizzewga kien qed jigi eskluz a priori.***"

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi

> ***"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Therese Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 1999 gie ritenut illi:

> "***Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.***"

Il-Qorti rat illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvivenza tal-partijiet damet cirka gimghatejn wara illi gie ccelebrat iz-zwieg taghhom fit-23 ta' Ottubru 1998, tant illi l-partijiet kienu ghadhom lanqas ikkunsmaw iz-zwieg taghhom meta l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali, u li minn dak iz-zmien 'l hawn, kien hemm kuntatt uniku bejn il-partijiet, ftit ta' zmien wara illi l-intimat kien telaq mid-dar matrimonjali. Il-Qorti tqis illi ikkonsidrat dan kollu, l-imgieba tal-intimat f'qasir zmien wara z-zwieg tal-kontendenti twassal lil Qorti ghall-konkluzjoni illi din ma kienetx semplici kwistjoni ta' inkompatibbilita ta' karattru jew xi kwistjoni illi ssuccediet wara z-zwieg u illi taghti biss lok ghall-kawzali ta' separazzjoni. Il-Qorti tqis illi l-eskluzjoni effettiva tal-konvivenza, u sahansitra tal-kommunikazzjoni ftit gimghat biss wara li gie kkontrattat iz-zwieg bejn il-partijiet, hija ndizju tal-intenzjoni tal-intimat meta ta l-kunsens tieghu illi jeskludi elementi

essenzjali tal-hajja konjugali.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi n-nullita taz-zwieg tal-kontendenti a bazi ta' din il-kawzali giet sufficjentement pruvata, u tisthoqq illi tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) huwa null a bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannota tali nullita tal-Att taz-Zwieg numru 1833 tas-sena 1998.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**